MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Numru 234/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**

**Vs**

Stephen Paul Busuttil

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat, ta' karta ta' identita' numru 38169(M), jakkuzawh illi fit-30 ta' Mejju 2002, ghal habta ta' xi l-10:30 a.m., gewwa Barriera Wharf, il-Belt:

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-vettura numru BBB284 tal-marka Hyundai Scoupe, proprjeta' ta' Jesmond Sciberras mill-Hamrun, liema hsara hija ta' aktar minn Lm50 izda mhux aktar minn Lm500 ghad-dannu ta' l-istess Jesmond Sciberras u

dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jesmond Sciberras mill-Hamrun skond kif iccertifikat it-tabiba Denise Debono tal-Isptar San Luqa u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. li sar recidiv b'sentenza li saret definittiva tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-22 ta' Marzu 2001.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Jesmond Sciberras u tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat li l-imputat ukoll ta il-kunsens tieghu;

Semghet il-provi;

Semghet l-imputat minn jeddu u bil-gurament;

Ikkunsidrat:

L-akkuzi huma segwitu ghal argument li beda l-Pixxkerija l-Belt liema argument jirrisulta li inizjalment kien ipprovokat mill-kwerelant waqt li oggezzjona dwar il-paga li hu ppretenda kienet dovuta lilu f'ammont akbar milli nghatalu. Konsegwenza ta' hekk l-kwerelant kien anka habat ghall-missier l-imputat u tah daqqa ta' ponn. Jinghad ukoll li l-kwerelant kien jahdem bhala fattiga f'din is-sezzjoni u missier l-imputat kien ritenut mid-dipartiment bhala 'konsulent' u kien responsabbli ghall-pagi. L-imputat dahal fl-istampa meta huh izghar minnu, u li nzerta mal-missier, cempillu fuq ix-xoghol u infurmah dwar dak li kien gara.

Il-kwerelant allega li sofra kemm griehi fuq persuntu u danni fuq il-vettura tieghu konsegwenza l-aggressjoni tal-imputat li minn naha tieghu kemm fl-istqarrija u kemm meta xehed ‘viva voce’ ma cahadx li tah daqqa ta’ ponn, li ta daqqijiet b’idu fuq il-vettura tal-kwerelant u anka kissirlu ‘wiper’.

Fil-konfront tal-griehi l-akkuza isemmi griehi hfief u mill-provi ma jirrisultax differentement. Dwar id-danni tezisti fattura li tistma l-istess ghas-somma ta’ Lm391. Fir-rigward ta’ dawn pero’ l-Qorti mhiex tal-fehma li ghandha tipprovdi ghal xi risarciment stante li hemm xhieda kontrastanti dwar l-entita’ u wkoll hu ndubitat li l-imputat agixxa taht provokazzjoni biex jiddefendi lill-missieru. Hi l-fehma ta’ din il-Qorti li l-foro aktar adatt biex tigi stabbilita l-hsara allegatament sofferta hu l-foro civil tenut ukoll kont ta’ kull misura ta’ kontributorjeta’ fil-kwerelant, jekk il-kaz. Jibqa pero’ fatt li in criminalibus l-imputat ghandu jirrispondi ghal hsara volontarjament ikkagunata f’ammont li jissupera l-Lm50 bl-iskuzanti pero’ tal-provokazzjoni.

Fil-konfront tar-recidiva l-prova saret u din tinsab pruvata;

Tiddecidi ghalhekk wara li rat l-Artikolu 221, 325(b), 230(c), 232(c), 49, 50 u 17 tal-Kap 9 li ssib l-imputat hati tal-akkuzi kontrih migjuba u fic-cirkostanzi tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ sitt xhur mill-lum.

Fl-ahharnett m’hiex tal-fehma li ghandha tadotta xi provvediment taht l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------